MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Numru 566/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Jacqueline Rapinett, bint Carmelo,
imwielda Pieta' fil-25 ta'
novembru, 1976

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputata –

1. talli fis-7 ta' ġunju, 2006 bejn il-11.00 a.m. u l-4.00 p.m. ġewwa l-fond numru 31, Triq Ġużè Pace, Ħamrun ikkomettiet serq ta' ċrieket tad-deheb għad-dannu ta' Carmelo Muxi mill-Ħamrun, liema serq hu aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur;
2. talli fl-istess data u ħinijiet ġewwa l-Ħamrun u il-Belt, Valletta xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ

misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew b’kull mod indaħlet sabiex tmexxihom jew tbiegħhom.
Il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputata bħala li rrendiet ruħa reċidiva u dana b’sentenza tal-25 ta’ novembru, 2005 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva, kif ukoll illi kkomettiet reat waqt Ordni ta’ Supervizjoni u kisret l-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ ġunju, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża.  Issiba ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha u tal-fatt li hi reċidiva.  Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(e), 267, 268(b), 269(g), 279(a), 280(1), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta’ sena priġunerija.
Rat is-sentenza tal-25 ta’ novembru, 2005 fejn l-imputata ngħatat sentenza sospiża ta’ erbatax il-xahar priġunerija bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn.
Rat illi l-imputata kisret il-kondizzjoni lilha mposta.  Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ta’ erbatax il-xahar priġunerija tibda sseħħ u għalhekk tikkundanna lill-imputata għal piena ta’ erbatax il-xahar priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------